~~It-twemmin ta' Ruma, tal-martri, igħallimna b'dinja oħra, b'dinja akbar u aqwa; l-akbar u l-aqwa dinja — ħdan l-Etern Missier.~~

~~Dan il-passaġġ, din it-trapassjoni, mela hija fi ftit kliem, it-tmiem tal-mewt ta' kuljum u l-bidu ta' ħajja ta' dejjem.~~

~~Publius Borg.~~

NEKROLOĠIJA

L-Università għal darb'oħra ġarrbet telfa kbira. Il-mewt tal-**Professur J. Anastasi Pace,** B.Sc. (Econ.), fis-7 ta' Awissu, meta kien għad għandu 39 sena, nikktet lill-korp akkademiku kollu, u fost dawn l-aktar lill-professuri sħabu li kienu jafuh mill-qrib u lill-istudenti li għaddew minn taħt idejh fil-korsijiet. Alla li jagħti l-ħajja jeħodha meta jrid, u lill-ħabib tagħna. Professur J. Anastasi Pace, għoġbu jeħodhielu qasir il-għomor. Aħna ddispjaċiena ħafna għalih sew għax ħabib, miġbud lejna mill-ġibda ta' l-imħabba għall-istudju li tgħaqqad il-qalb u l-moħħ, u sew bħala professur ta' materja, il-lum mill-aktar importanti. Kien iħobb l-istudju, kien iħobb l-istudenti. Lili kien igħidli li l-għaxqa tiegħu l-Università u l-Librerija tagħha. Qalli kemm-il darba li kieku seta' jagħmel hekk finanzjarjament. kien jitlaq kull xogħol ieħor u jintefa' għall-katedra. Kien wieħed mill-aħjar Professuri tagħna li barra milli kien jaf il-materja sewwa kien jaf jikteb fuq il-materja b'Ingliż idjomatiku. Minbarra dan kien igħallem il-poplu s-suġġett tiegħu b'mod ħafif b'xandir fuq ir-Rediffusion darbtejn fil-ġimgħa, darba bil-Malti u darba bl-Ingliż. Kien Professur li ta ħafna xogħol lill-Università fil-kumitati u lill-Katedra. Kien Professur li kieku għex it-tul tal-ħajja normali tal-bniedem kien jagħti ħafna xogħlijiet akbar. Il-ħsieb ta' dawn ix-xogħlijiet kien ħaj f'moħħu. Issa ħadu miegħu fil-qabar fejn intemm għall-għarrieda. bħal xemgħa li tintefa f'daqqa, wara ħidma bieżla bħala Segretarju tal-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Ġwerra u ħajja akkademika mill-aktar ħabrieka. Issa m'għadux magħna iżjed. Qabad it-triq twila ta' l-Eternità. Alla sejjaħlu u ngħabar fi Ħdanu. F'qalbna ħallielna t-tifkira sabiħa ta' l-irġulija u tal-ħbiberija tiegħu. U issa ma baqagħlniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief li nixtiequ lil martu. uliedu, niesu u qrabatu kollha, is-sabar u l-għomor. U lilu fid-dinja l-oħra l-mistrieħ ta' dejjem.

Ġ. Aquilina.